**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 21 ta' Marzu, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Roderick Grima**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Rodrick Grima detentur tal-karta tal-identita numru: 136688(M) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Mejju 2016, bejn it-15:00hrs u 16:00hrs, gewwa Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara:

1. Ikkommetta serq aggravat ghad-detriment ta' Jonathan Farrugia ID. 312782(M) u/jew persuni ohra, liema serq hu ikkwalifikat:

   ***a)*** Bil-'*valur*' meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), imma fejn il-valur tal-haga misruqa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); u kif ukoll

   ***b)*** Bix-'*xorta tal-haga misruqa*' meta jsir fuq xi vettura f' post pubbliku jew f' post accessibli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, perjodu, hin, lok u cirkostanzi:

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Jonathan Farrugia ID. 312782(M) u/jew persuni ohra:

   ***a)*** Fejn l-ammont tal-hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (2,500), izda hi izjed minn mitejn u hamsin euro (250).

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016, bejn 14:00hrs u 16:00hrs, gewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara:

3. Bil-hsieb li jikkommetti serq aggravat ghad-detriment ta' Emanuel Baldacchino ID. 334480(M) u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b' atti esterni ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt; liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku dan is-serq sehh kien ikun ikkwalifikat:

***c)*** Bil-'*valur*' meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), imma fejn il-valur tal-haga misruqa mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); u kif ukoll

***d)*** Bix-*xorta tal-haga misruqa*' meta jsir fuq xi vettura f' post pubbliku jew f' post accessibli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016, bejn 14:00hrs u 16:00hrs, gewwa Birkirkara:

4. Waqt li kien f' xi post pubbliku immolesta n-nies sabiex jitlob il-karità;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016, ghal habta ta' bejn 14:00hrs u 16:00hrs, gewwa Birkirkara:

5. Xjentement, jew wara twissija xierqa, ostakola jew tellef fl-ezekuzzjoni ta' dmirijiethom, jew ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, u/jew irrezista l-arrest;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, perjodu, hin, lok u cirkostanzi:

6. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn WPS 50 O. Spiteri ufficjal pubbliku waqt li kienet qed taqdi d-doveri taghha jew ma hallejtx jew fixkel jew indahal lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietha.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, perjodu, hin, lok u cirkostanzi:

7. M' obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b' xi mod iehor li jkun, kemm -il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indhil ma

jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

U aktar talli:

8. Irrenda ruhu recidiv b' diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Art. 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta' Gunju, 2016 (esebit a fol. 23 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-14 t' Ottubru, 2016 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba

tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-Sentencing Report inserit a fol. 318 tal-atti processwali fejn in vista tal-fatt li l-imputat irribadixxa li mhux dispost jidhol fi programm residenzjali sabiex jipprova jeghleb il-problema serja li ghandu ta' abbuz mid-droga, u minhabba li matul is-snin l-istess imputat naqas milli joqghod ghad-direttivi ta' sentenzi fil-komunita', gie rakkomandat li l-imputat jinghata piena karcerarja effettiva.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa kkopera fl-kors tal-investigazzjonijiet izda din il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat huwa recidiv, li huwa inghata l-opportunita' minn dawn il-Qrati li jirriforma ruhu f' aktar minn okkazzjoni wahda izda kif jirrizulta mill-kontenut tal-Pre-Sentencing Report huwa naqas milli juzufruwixxi minn din l-opportunita' u

kompla jabbuza mid-droga u jsegwi t-triq tal-kriminalita' sabiex jiffinanzja dan il-vizzju. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-imputat qed jirrifjuta li jibda' programm residenzjali sabiex jipprova jeghleb darba ghal dejjem il-problema ta' abbuz mid-droga u ghalhekk fic-cirkostanzi jidrilha li m' ghandiex alternattiva salv li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a),49, 50, 261(c)(g), 267, 271, 279, 280(1), 325(1)(b), 338(x) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

**MAGISTRAT**